MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 412/1993/1

**Carmen Micallef u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2002 saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Joseph Micallef.**

**vs**

**Prim Ministru u ghal kull interess li jista' jkollhom Lawrence Farrugia u r-Registratur tal-Qrati.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors attrici datat 25 ta' Marzu 1993 a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi, l-esponenti pprezentat att ta' citazzjoni numru 1679/85 WG quddiem dina l-Onorabbli Qorti li permezz tieghu ppremettiet illi fis-17 ta' Lulju 1985 Lawrence Farrugia pprezenta rikors ghall-hrug tal-Mandat ta'

Inibizzjoni numru 1261/85 fl-ismijiet: “Lawrence Farrugia vs Carmen Micallef”; illi r-rikors gie appuntat ghall-31 ta’ Lulju 1985 u sussegwentement gie differit ghall-4 ta’ Novembru 1985; illi fl-4 ta’ Novembru 1985 l-attrici dehret flimkien mal-Avukat taghha, l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, li nforma lil Qorti li huwa kien okkupat f’Guri kapitali “Repubblika ta’ Malta vs. Francis Casaletto”, u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-10 ta’ Marzu 1986, u l-attrici harget mill-Awla u mill-Qorti; illi aktar tard, *ad insaputa* tal-attrici u tad-difensur taghha, il-Qorti bidlet id-data tad-differiment mill-10 ta’ Marzu 1986 ghad-29 ta’ Novembru 1985; *di fatti, l-prime note* (a fol. 7) juru l-figuri ngassati; illi la giet ordnata, u lanqas ma saret, notifika lill-attrici bid-data l-gdida tad-differiment; illi fid-29 ta’ Novembru 1985 deher biss Lawrence Farrugia, u l-Qorti, fl-assenza tal-attrici, laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1261/85, li gie notifkat lill-attrici fit-2 ta’ Dicembru 1985; illi dan jammonta ghal ksur palesi tal-principju elementari *“audi alteram partem” stante* li l-attrici la kellha l-opportunita’ li tixhed u lanqas li tipproduci xhieda; u ghalhekk tablet lill-Qorti Civili Prim’Awla biex tirrevoka l-imsemmi digriet tad-29 ta’ Novembru 1985 li bih laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoi numru 1261/85, billi tiddikjara li l-istess digriet m’ghandu ebda forza u validita’ legali, kif fil-fatt qatt ma kellu sa mid-data li nghata.  Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

2. Illi b’sentenza moghtija fil-15 ta’ Ottubru 1990 dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Lawrence Farrugia;

3. Illi il-konvenut Lawrence Farrugia interpona appell mill-imsemmija sentenza;

4. Illi fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru, 1992 quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell presjeduta mis-Sinjurija Tieghu l-Onorevoli Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici, is-ST il-Prim Imhallef ghajjat mad-difensur tar-rikorrenti tali azzarda jsemmi li bilfors kien l-Avukat Dottor Ugo Mifsud Bonnici li kien talab lill-Qorti ta’ prim’istanza biex tbiddel

id-differiment ghal data aktar vicina. Is-ST il-Prim Imhallef iddetta s-segwenti verbal:

*“Il-Qorti qed tistaqsi lil Dr. Azzopardi illi qed jiddikjara li d-data tad-differiment fl-ewwel istanza inbidlet meta l-klijent tieghu u hu kienu hargu mill-Awla, ghaliex huwa staqsa kontinwament illi dik il-bidla saret mill-Qorti fuq talba ta’ l-Avukat, u r-risposta ta’ l-Avukat hija illi “hekk niddeduci ghax kien hemm zewg avukati li kienu jiena u Dr. Ugo Mifsud Bonnici””;*

*5.* Illi dan l-attakk *seduta stante* kien jinvolvi hafna ghajjat mis-ST il-Prim Imhallef u anke’ minacca li l-verbal *“ser jintbaghat fejn ghandu jintbaghat”;*

6. Illi, ftit minuti wara sar *break* u s-ST il-Prim Imhallef sejjah fis-sigrieta tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appel lid-difensur tar-rikorrenti u lil Dr. Carmelo Mifsud Bonnici u, wara diskussjoni f’atmosfera differenti, is-ST il-Prim Imhallef ikkalma, taptap lid-difensur tar-rikorrenti fuq spalltu, u anke’ qal lil Dr. Carmelo Mifsud Bonnici biex isib lill-Avukati l-ohra li kienu prezenti fl-awla u jghidilhom li spicca kollox;

7. Illi, b’sentenza moghtija fil-5 ta’ Frar 1993 l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell presjeduta mis-ST il-Prim Imhallef il-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici ordnat l-isfilz tar-rapport ta’ l-Assistent Gudizzjaru u rrevokat is-sentenza appellata u cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez ta’ l-ewwel grad ghall-attrici u dawk ta’ l-appell, *stante* anke’ n-novita’ ta’ certi punti li gew trattati, jibqghu la taxxa, u l-Agent Registratur tal-Qorti jhallas l-ispejjez tieghu fiz-zewg istanzi;

8. Illi, ir-rikorrenti thoss li, fil-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, hija ma kellhiex smiegh xieraq fit-termini tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u dana peress illi, *stante* l-intimidazzjoni li sofrew il-parti u d-difensur taghha u l-ostilita’ manifesta li taghha huma kienu l-vitmi, huma ma setghux ikollhom smiegh xieraq bir-rizultat li fatti li gew ippruvati u li ma jista’ jmerihom hadd, gew michuda;

9. Illi, ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa biex tizgura t-twettiq tal-**artikolu 39 ta' Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem,** u tordna li l-appell jigi trattat mill-gdid quddiem Qorti diversament komposta, prevja dikjarazzjoni illi l-proceduri u sentenza moghtija fl-imsemmi appell huma nulli u bla ebda effett *stante* li kienu vizzjati bi ksur tal-garanzija ta' smiegh xieraq.

Rat il-verbal tas-sedua tad-29 ta' Marzu 1993;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru a fol.12 tal-process fejn espona:-

1. Illi, preliminarjament il-kawza giet citata hazin fl-Avviz ghas-smiegh ta' kawza (*Formula Superior Courts* – 92) peress li Carmen Micallef hi wahedha fil-kawza u mhux Carmen Micallef et. Ghalhekk jinhtieg il-korrezzjoni u n-notifika mill-gdid lill-partijiet; l-esponenti minn issa jaghti ruhu b'notifikat bl-eventwali korrezzjoni;

2. Illi, id-dettalji li hemm fl-ewwel zewg paragrafi tar-rikors promotur huma superfluwi peress illi huma ghal kollox estranji ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza quddiem din il-Qorti;

3. Illi, ma jinghadx, ghalkemm jista' jkollu rilevanza, jekk il-mandat ta' inibizzjoni numru 1261/85 ghadux vigenti u jekk giet segwit bi proceduri biex jigi kkanonizzat id-dritt kawtelat bih. Jekk bdew talli proceduri ma jinghadx jekk l-istess gewx konkluzi wara *oltre* seba' snin u jekk le x'qieghed izommhom;

4. Illi, meta r-rikors promotur jidhol fil-qalba tal-kwistjoni, din tirrizolvi ruhha f'zewg allegazzjonijiet principali:

L-Ewwel nuqqas ta' imparzjalita' minn wiehed mit-tlett imhallfin komponenti l-istess Qorti ta' l-appell peress,

donu qed jigi allegat, illi l-istess imhallef kellu xi nteress fl-ezitu tal-kawza biex jiddefendi xi agir ta’ wiehed mill-avukati tal-partijiet li kif inhu risaput jigi hu l-istess imhallef;

It-Tieni illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell (li kif inhu risaput hi komposta minn tlett Imhallfin u mhux biss mill-Prim Imhallef li jippresjedi) fost affarijiet ohra ordnat l-isfilz tar-rapport ta’ l-Assistent Gudizzjaru;

5. Illi, ir-rikorrenti ma jidhirx illi f’xi zmien bejn meta gara l-incident tat-12 ta’ Ottubru, 1992 (f’ liema gurnata skond ir-rikors spicca kollox) u l-5 ta’ Frar, 1993 (kwazi hames xhur) ir-rikorrenti jew id-difensur taghha sofrew xi intimidazzjoni jew ostilita’ manifesta;

6. Illi, l-anqas jidher illi fil-perjodu ta’ hames xhur fuq imsemmija r-rikorrenti f’ xi waqt ittentat titlob ir-rikuza ta’ xi wiehed jew aktar mill-komponenti tal-Qorti tal-Appell li seta’ kif qed tallega r-rikorrenti wera attitudni ntimidatorja lejha jew wera xi ostilita’ manifesta. Dan hu r-rimdeju ordinarju f’kazijiet simili;

7. Illi, lanqas jghid ir-rikorrenti x’kienet ir-raguni li wasslet il-Qorti tal-Appell (jekk mhux unaniment ghal anqas bil-vot ta’ zewg imhallfin fuq tlieta) li tordna l-isfilz tar-rapport imsemmi fir-rikors. Ir-rikorrenti l-anqas biss indenjat tghid jekk tali sfilz kienx gustifikat o meno ghal anqas fl-opinjoni taghha, jew jekk dan kienx jew le ta’ pregudizzju ghaliha;

8. Illi, jekk verament is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell waslet ghar-rizultat illi fatti li gew ippruvati u li ma jista jmerihom hadd gew michuda, allura normalment ir-rikorrenti kien ikollha r-rimdeju ordinarju tar-ritrattazzjoni, procedura illi ma tidhirx li giet tentata, ghal anqas minn dak li jidher fir-rikors promotorju ta’ dan il-process;

9. Illi, l-esponenti ftit jew xejn jista’ jikkumenta fuq il-fatti tal-kaz kif allegati mir-rikorrenti, *stante* illi hu gie notifikat bir-rikors fis-26 ta’ Marzu (il-Gimgha) u l-istess rikors hu appuntat ghas-smiegh fid-29 ta’ Marzu (it-Tnejn).

Hu risaput li r-registru tal-Qorti jkun maghluq is-Sibt u l-Hadd;

10. Illi, hu risaput illi l-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili hu ntiz biex bil-proceduri u r-regoli tieghu gib bilanc bejn il-partijiet involuti f’process biex fl-ahhar u fil-kumpless ikun hemm smiegh xieraq. Hu ovvju illi jekk parti fil-process tibqa’ ma tezercitax id-drittijiet taghha skond l-istess kodici l-bilanc fuq imsemmi jista’ jigi mxellef;

11. Illi, hu abbuziv tar-rimedju kostituzzjonali u tar-rimedju analogu mahsub fl-**Att XIV ta’ l-1987**, illi parti wara li ma tkunx ezercitat ir-rimedji ordinarji mahsuba fil-Kodici ta’ Procedura biex jassiguraw smiegh xieraq, (f’dan il-kaz ir-rekuza u/jew ir-ritrattazzjoni) illi l-parti li fl-interess taghha gew mahsuba nutilment dawk ir-rimedji ordinarji tadixxi din il-Qorti fejn titlob ir-rimedju minn ghandha meta hi ma fitxietux. Min ma juzax id-drittijiet tieghu ghandu lilu biss f’min iwahhal jekk in-nuqqas tieghu wara jsib li jkun ippregudikah;

12. Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett, illi bla pregudizzju ghal veracita *o meno* ta’ dak allegat mir-rikorenti (liema veracita l-esponenti ghad ma kellux opportunita jassigura ruhu minnha) f’ dan il-kaz fejn anke’ mill-fatti kif allegati jidher li kien hemm rimedju ordinarju car, din il-Qorti ghandha jew tiddikjara l-istess rikors frivolu u vessatorju jew ghalanqs tezercita d-diskrezzjoni illi hi ghandha skond il-***proviso* ta’ l-inciz (2) ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni** (u dak analogu fl-**Att XIV ta’ 1987**) u tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-istess subartikolu wara li ampjament ghandha tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghal ksur allegat huma jew kienu disponibbli ghar-rikorrenti skond il-Kodici ta’ Oranizzazzjoni u Procedura Civili;

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati a fol.17 tal-process fejn irrisponda :-

1. Illi, hu jaderixxi ma, u jaghmel tieghu, ir-Risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru ghar-rikors ta' Carmen Micallef.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' Mejju 1993 fejn Dr Tonio Azzopardi talab illi jigi allegat il-process tal-kawza fl-ismijiet **"Carmen Micallef vs Lawrence Farrugia et"** (Cit.Nru:1675/85/AM) deciza b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Frar 1993. Id-difensuri m'opponewx u l-Qorti laqghet it-talba. Xehed Dr Tonio Azzopardi. Dr Camilleri u Dr Said ghall-intimat Prim Ministru rrilevaw illi dak li seta' gara jew ma garax fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni Nru 1261/95 kif ukoll dak li seta' gara jew ma garax fi kwalunkwe Qorti hlief dak li gara quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmen Micallef vs Lawrence Farrugia et"** li l-atti taghha ntalbu li jigu allegati mir-rikorrenti huma ghal kollox irrelevanti.

Rat ir-risposta ta' Lawrence Farrugia a fol.28 tal-process fejn qal :-

1. Illi, l-imsemmija Carmen Micallef mhux minnu li thallietx jew giet ostakolata milli taghmel it-trattazzjoni taghha. Jinghad umilment li kieku kien minnu li r-rikorrenti verament hasset li d-drittijiet taghha gew lesi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1993 messha ppresentat rikors fejn titlob li hija terga tigi mismugha. Kien biss wara li hija tilfet din il-kawza li hija ppresentat l-odjern rikors.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Gunju 1993 fejn il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 1993 li bih ordnat li jigi allegat il-process tal-kawza fl-ismijiet **"Carmen Micallef vs Lawrence Farrugia et"** u dan billi l-process jinsab allegat flimkien ma' processi ohrajn bir-rizultat illi l-allegazzjoni tieghu materjali f'dan ir-rikors hija haga mpossibbli u wara li rat l-**artikolu 173 tal-Kap.12** ordnat lir-rikorrenti sabiex jipprezenta kopja tal-istess process. Xehed Joseph Micallef. Dr Azzopardi talab li x-xhud jigi ezentat milli jkompli jixhed fl-Awla u minflok jigi pprezentat affidavit tieghu. Id-difensuri tal-intimati

opponew peress illi biex dan ikun jista’ jsir irid ikun hemm qbil maghhom u dana l-kunsens qieghed effettivament jigi negat. Id-deposizzjoni tax-xhud giet sospiza u r-rikors gie differit sabiex jinghata provvediment u anki sabiex jigi esebit kopja tal-process tal-kawza msemmija; tat-13 ta’ Ottubru 1993 fejn inghata provvediment fuq it-talba tar-rikorrenti billi laqghet it-talba tieghu; tad-19 ta’ Novembru 1993;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha ezebiet l-affidavits ta’ Joseph Micallef u Gemma Debono;

Rat ir-rikors ta’ Lawrence Farrugia fejn talab l-isfilz tal-affidavits ta’ Joseph Micallef u Gemma Debono;

Rat il-verbali tas-seduti tal-31 ta’ Jannar 1994; u tal-21 ta’ Frar 1994;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti ghar-rikors tal-intimat Lawrence Farrugia;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta’ April 1994 fejn id-difensuri tal-partijiet talbu differiment biex ikunu jistghu jistudjaw sentenza illi giet moghtija mill-Qorti Suprema tal-Istati Uniti u li tista’ tincidi fuq il-mertu kemm tar-rikors tal-intimat Farrugia kif ukoll fuq il-mertu tar-rikors Kostituzzjonali; tas-17 ta’ Gunju 1994; tal-11 ta’ Novembru 1994; tas-7 ta’ Dicembru 1994; tal-25 ta’ Jannar 1995; tal-1 ta’ Marzu 1995; tad-19 ta’ Mejju 1995;

Rat il-provvediment tal-Qorti tal-1 ta’ Dicembru 1995 fejn laqghet it-talba limitament ghall-affidavit ta’ Gemma Debono u ordnat l-isfilz tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta’ Dicembru 1995; tat-12 ta’ Jannar 1996; tas-27 ta’ Marzu 1996; tad-29 ta’ April 1996;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ l-Avukat Dr George Cutajar; kopja ta’ parti mill-process Cit 1679/85, liema kawza giet deciza fil-5 ta’ Frar 1993; u kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Frar 1993;

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta’ Gunju 1996; tat-23 ta’ Ottubru 1996; tas-7 ta’ Frar 1997;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Carmen Micallef tas-7 ta’ Frar 1997;

Rat ir-risposta tal-intimati ghar-rikors tas-7 ta’ Frar 1997;

Rat in-nota tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimat Lawrence Farrugia ghar-rikors tar-rikorrenti fis-7 ta’ Frar 1997;

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta’ April 1997 fejn il-Qorti cahdet it-talba billi x-xhieda ndikati huma rrelevanti ghall-vertenza odjerna; u tal-4 ta’ Gunju 1997;

Rat ir-risposta ta’ Lawrence Farrugia ghan-nota tar-rikorrenti;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta’ Ottubru 1997 fejn inghata digriet billi cahad ukoll it-talba ghar-rikuza; tal-15 ta’ Dicembru 1997; u tal-20 ta’ Marzu 1998;

Rat in-nota tal-intimat Farrugia fejn esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta’ Gunju 1998; u tat-2 ta’ Dicembru 1998;

Rat in-nota tal-intimat Farrugia li permezz taghha esebixxa l-affidavit tal-Avukat Dr Carmelo Mifsud Bonnici;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta’ Jannar 1999; tas-17 ta’ Marzu 1999; tal-31 ta’ Mejju 1999; tal-10 ta’ Dicembru 1999; tas-17 ta’ Jannar 2000 fejn xehed in kontro-ezami Dr Carmelo Mifsud Bonnici; tat-12 ta’ April 2000 fejn ir-rikors gie differit *sine die;*

Rat ir-rikors tar-rikorrenti sabiex il-kawza terga’ tigi riappuntata;

Rat li din il-kawza kif procediet quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn jirrizulta li l-kawza giet appuntata l-ewwel darba quddiem din il-Qorti hekk kostitwieta ghas-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2000, u rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta’ Ottubru 2000, tas-17 ta’ Ottubru 2000; tas-7 ta’ Frar 2001; tal-14 ta’ Gunju 2001 fejn xehed in kontro-ezami Lawrence Farrugia; tal-25 ta’ Ottubru 2001 fejn id-difensuri tal-intimati ddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar salv l-ezitu tar-rikors tad-19 ta’ Settembru 2001;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tad-19 ta’ Settembru 2001 fejn intalbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-1 ta’ Dicembru 1995 fejn il-Qorti kienet ordnat l-isfilz ta’ l-affidavit ta’ Gemma Debono;

Rat ir-risposta tal-intimat Farrugia ghar-rikors tad-19 ta’ Settembru 2001;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2001;

Rat in-nota ta’ referenzi tar-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Frar 2002 fejn inghata digriet billi l-Qorti laqghet it-talba ghar-revoka *contrario imperio* limitatament dwar l-ammissibilita’ tal-affidavit ta’ Gemma Debono u ordnat li l-istess jigi ntegrat u mdahhal fl-atti tal-kawza;

Rat ir-rikors ta’ Joseph Micallef fejn talab it-trasfuzjoni tal-gudizzju fuq ismu u d-digriet tal-Qorti dwar l-istess.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta’ Mejju 2002; u tas-16 ta’ Ottubru 2002 fejn id-difensuri prezenti ddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar. Inghata digriet ghan-noti ta’ osservazzjonijiet;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-intimati;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' April 2003 fejn Dr Dominic Cassar assocja ruhu mas-sottomissjonijiet li saru mill-Gvern. Il-Qorti nnotat illi r-rikors tal-10 ta' Jannar 2003, illum gie sorpassat u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess. Dr Tonio Azzopardi talab zmien biex jaghmel replika. Il-Qorti laqghet it-talba u tat terminu ta' 50 jum ghall-istess bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti biex ikollhom 50 jum biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar 2004; u tas-7 ta' Jannar fejn giet differita ghall-istess skop ghas-27 ta' Jannar 2004;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ulterjuri tar-rikorrent Joseph Micallef;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Mertu tar-Rikors</u>

Illi Carmen Micallef ipprezentat dan ir-rikors kostituzzjonali li bih talbet lil din il-Qorti biex l-Appell li gie deciz fil-5 ta' Frar 1993 jerga' jigi trattat mill-gdid quddiem Qorti diversament komposta minhabba li l-proceduri u s-sentenza moghtija fl-imsemmi appell kienu vizzjati bi ksur tal-garanzija ta' smiegh xieraq.

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti sostniet li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1992 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell ippresjeduta minn dak in-nhar s-Sinjura Tieghu il-Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici, il-President ghajjat mad-difensur tar-rikorrenti Dr Tonio Azzopardi, u anke' mminaccah li l-verbal li kien sar kien se jintbaghat fejn kellu jintbaghat.

Illi l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru u r-Registratur tal-Qrati opponew tali talba u sostnew li f'dan il-kaz jidher li kien hemm rimedju ordinarju car. B'hekk din il-Qorti ghandha jew tiddikjara l-istess rikors frivolu u vessatorju jew ghall-anqas tezercita d-diskrezzjoni illi hi ghandha

skond il-proviso ta’ l-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u dak analogu fl-**Att XIV ta’ l-1987** u tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-istess sub-artikolu.

Illi l-intimat l-iehor Lawrence Farrugia sostna li mhux minnu li Carmen Micallef ma thallietx jew giet ostakolata milli taghmel it-trattazzjoni taghha.

## III. <u>PROVI PRODOTTI</u>

Illi **Dr. Tonio Azzopardi** xehed li fit-12 ta’ Ottubru 1992, bhala difensur ta’ Carmen Micallef, attenda quddiem il-Qorti tal-Appell presjeduta mill-Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici, l-Onor Imhallfin Joseph Herrera u Carmel Agius ghas-seduta li fiha kellu jinstema’ l-appell ipprezentat minn Lawrence Farrugia. Meta l-appell issejjah l-ewwel darba huwa kien ghadu ma wasalx pero’ kien gie trattat xi punt li meta rega’ ssejjah l-appell il-Prim Imhallef gibidlu l-attenzjoni u x-xhud qabel illi l-mertu ta' kawza minnhom kien ezawriet u kien ghad fadal punt rigward il-kawza konnessa mal-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

Illi x-xhud qal li l-Prim Imhallef mill-ewwel kien ostili hafna lejh – beda jghajjat billi beda jfisser illi donnu x-xhud ghamel xi haga mhiex flokha meta allega illi nbidel id-differiment wara illi kien hareg mill-awla. Dan huwa l-mertu tal-kawza li l-Prim Istanza ddecidiet favur Carmen Micallef u li kien jifforma parti mill-mertu ta’ l-appell dakinhar. Meta l-Prim Imhallef beda jghajjat hafna mieghu u jallega u jirriferixxi ghal allegazzjoni Dr Azzopardi mar ghal premessi tac-citazzjoni li kien hemm fl-atti u fehem li kien qed jirriferixxi ghal dak li kien gara fl-4 ta’ Novembru 1985. F’din l-ahhar data l-attrici dehret mad-difensur taghha li nforma lill-Qorti li kien okkupat f’guri kapitali u l-Qorti ddiferiet il-kawza ghall-10 ta’ Marzu 1986 u l-attrici harget mill-awla. Aktar tard *ad insaputa* tal-attrici u d-difensur taghha, il-Qorti biddlet id-data tad-differiment mill-10 ta’ Marzu 1986 ghad-29 ta’ Novembru 1985. Infatti l-*prime note* a fol.7 juru l-figuri ngassati.

Illi meta l-President beda jghajjat ix-xhud beda jipprova jispjegalu illi ma setax jifhem ghaliex beda jghajjat mieghu u qallu illi fil-proceduri quddiemu huma kienu l-vittmi. Il-President beda jghajjat max-xhud talli semma' fuq insistenza tieghu illi kien Dr. Ugo Mifsud Bonnici li talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza tbiddel id-data tad-differiment ghal data aktar vicina. Dan seta' gara biss in *buona fede* pero' jibqa' l-fatt li ma kienux gew avzati. Huwa baqa' jghajjat mieghu u fost agitazzjoni kbira ddetta s-segwenti verbal:-

*"Il-Qorti qieghda tistaqsi lil Dr Azzopardi illi qieghed jiddikjara illi d-data tad-differiment ta' l-Ewwel Istanza nbidlet meta l-klijenta tieghu u hu kienu hargu mill-awla ghaliex huwa staqsa kontinwament illi dik il-bidla saret mill-Qorti fuq talba ta' l-avukat u r-risposta ta' l-avukat"* (din id-darba kien qieghed jirreferi ghax-xhud) *"hija illi 'dana l-kliem jiena ghidtu fl-awla fuq insistenza ta' l-Imhallef, qed niddeduci ghax kien hemm zewg avukati li kienu jiena u Dr Ugo Mifsud Bonnici".* Iz-zewg Imhallfin l-ohra ma ghamlu l-ebda ntervent imbaghad il-Prim Imhallef indirizza lix-xhud billi qallu *"Halli dan il-verbal jintbaghat fejn ghandu jintbaghat".* Dr Azzopardi fehem illi dak il-verbal il-Qorti kienet qed tikkunsidra li tibghatu lill-Kamra tal-Avukati.

Illi ftit minuti wara sar *break* u l-Prim Imhallef baghat issejjahlu permezz tal-marixxall fis-sigrieta tal-Qorti tal-Appell kif ukoll baghat ghal Dr Carmelo Mifsud Bonnici d-difensur ta' Lawrence Farrugia. L-atmosfera kienet wahda differenti. Il-President kien ikkalma u anki taptaplu fuq spalltu. Meta ra li fil-premessi ma kien issemma' l-ebda avukat ikkalma f'daqqa. F'dan l-istadju qal lil Dr Carmelo Mifsud Bonnici biex isib lill-avukati l-ohra li kienu prezenti fl-awla u jghidilhom li spicca kollox. Allura Dr Azzopardi hadha li l-affarijiet kienu rrangaw ruhhom.

Illi imbaghad l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat sentenza fil-5 ta' Frar fejn iddecidiet dwar l-appell maghmul minn Lawrence Farrugia u ordnat l-isfilz tar-rapport tal-Assistent Gudizzjarju u anki rrevokat is-sentenza appellata u cahdet it-talba attrici bl-ispejjez ta' l-ewwel grad ghall-attrici u

dawk tal-appell fejn qalet *stante* anke’ n-novita’ ta’ certi punti li gew trattati jibqghu bla taxxa u l-Agent Registratur tal-Qrati jhallas l-ispejjez tieghu fiz-zewgt istanzi. Skond huwa quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell kien hemm intimidazzjoni u l-ezitu tas-sentenza kien sorpriza u ma kienx konformi ma’ dak illi deherlu li kienu spiccaw bih fis-sigrieta tal-Qorti tal-Appell.

Illi meta kellu l-inkontru fis-sigrieta tal-Appell s-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef ma esprima ruhu bl-ebda mod fis-sens li s-sentenza kienet se tinghata favur tieghu pero’ minhabba l-bidla fl-attitudni x-xhud haseb illi l-President kien fehem illi r-rikorrenti kienet il-vittma. Illi meta mistoqsi illi huwa beda l-proceduri minhabba nuqqas ta’ smiegh xieraq wara illi l-appell inqata’ kontra r-rikorrenti u li fil-fatt sa dak il-hin huwa ma kellux x’jilmenta fir-rigward ta’ smiegh xieraq huwa rrisponda li meta hareg mis-sigrieta hareg b’mohhu mistrieh pero’ huwa previzjoni tas-sentenza ma jaghmilx.

Illi wara li hareg mis-sigrieta ma kienx sodisfatt illi r-rikorrent kellha smiegh xieraq fl-Appell ghax dawk l-incidenti ma kellhomx jigru *“in the first place”.* Huwa kien serrah rasu dwar l-incident li kellu mal-Prim Imhallef fis-sens illi l-President beda jara l-premessi tieghu fic-citazzjoni kienu korretti.

Illi **Joseph Micallef ,** hu Carmen Micallef, xehed li fit-12 ta’ Ottubru 1992 huwa kien fl-awla, tal-Qorti tal-Appell. Huwa qal li meta Dr Azzopardi deher fl-awla l-President tal-Qorti beda jgholli lehnu u jirrabja mieghu kwazi l-hin kollu. Ftit wara sema’ lil Dr Azzopardi jitolbu biex itih cans jitkellem izda sadanittant il-President kompla jirrabja u jgholli lehnu u ma jaghtihx cans jitkellem. Huwa jiftakar li l-President beda jistaqsih min kien l-avukat l-iehor u Dr Azzopardi wiegbu li kien Dr Ugo Mifsud Bonnici. Wara ftit is-seduta waqfet u l-President dahal gewwa.

Illi **Dr. George Cutajar** xehed li jiftakar l-okkazjoni meta xi snin ilu kien quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u nqala’ incident. Huwa ma jafx fuq x’hiex kien il-kaz pero’ jaf li l-President tal-Qorti l-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici

beda jirrabja hafna fl-awla. Huwa beda jindirizza lil Dr Tonio Azzopardi qabel ma' dan beda jitkellem u ried ikun jaf ghal liema avukat kien qed jirreferi. Dr Azzopardi rrisponda li l-avukat l-iehor kien Dr Ugo Mifsud Bonnici. Il-President tal-Qorti imbaghad qal lid-deputat registratur biex tnizzel il-verbal li kien ser jiddetta biex dan jibghatu fejn kellu jibghatu. Dak il-hin il-President kien ghadu rrabjat hafna. Huwa jaf li Dr Azzopardi talab li jithalla jitkellem u semghu jghid biss lill-President li f'dik il-kawza huma kienu vittma ghax inbidel id-differiment bla ma kienu jafu.

Illi **Lawrence Farrugia** xehed li fit-12 ta' Ottubru 1992 huwa kien prezenti fl-Awla tal-Qorti tal-Appell flimkien mal-avukat tieghu Dr Carmelo Mifsud Bonnici u Joseph Micallef. Dr Azzopardi gie msejjah tlett darbiet u ma deherx. B'hekk il-Prim Imhallef baghat lil Joseph Micallef ifittxu. Meta dan gie lura qallu li ma sabux u l-Qorti ghaddiet ghall-kawza li kien imiss. Kif appena spicca dik il-kawza dahal  Dr Azzopardi. Illi imbaghad xehed dwar dak li gara fil-Prim'Istanza li pero' huwa rrelevanti ghall-vertenza odjerna.

Illi in kontro-ezami kkonferma li meta Dr Azzopardi kien gie msejjah tlett darbiet huwa baqa' ma deherx u l-Prim Imhallef baghat lil Joseph Micallef ifittxu. Kien Dr Carmelo Mifsud Bonnici li deher l-ewwel. Dr Mifsud Bonnici nforma lill-Onorabbli Qorti tal-Appell li l-kawza dwar l-inxir kienet inqatghet u diga' ntrebhet. Illi huwa ma jiftakarx li meta dehru quddiem il-President Giuseppe Mifsud dan beda jghajjat u anke' qam minn fuq is-siggu. Illi Dr Carmelo Mifsud Bonnici ma qallu xejn dwar dak li kien intqal u gara meta Dr Azzopardi u Dr Mifsud Bonnici tkellmu fis-sigrieta mal-Prim Imhallef. Mistoqsi dwar dak li gara fl-Awla fil-Qorti tal-Appell ix-xhud irrisponda li ma jiftakarx kemm li l-Prim Imhallef beda jghajjat, kemm li beda jghid lil Dr Azzopardi biex ighidlu ghal liema avukat kien qed jirriferixxi kif ukoll li qal li l-verbal kien se jibghatu fejn ghandu jibghatu.

Illi **Dr Carmelo Mifsud Bonnici** xehed li dakinhar tat-12 ta' Ottubru 1992 deher quddiem l-Onorabbli Qorti tal-

Appell ghal Lawrence Farrugia. Fil-bidu nforma lil Qorti li l-kwistjoni tal-mandat ta’ inibizzjoni kienet sorpassata. F’dak il-mument ma kienx hemm il-parti l-ohra. Huwa baqa’ fl-awla jistenna li jsiru l-kawzi l-ohra u jigi l-kontro-parti. Kif spiccat u sar differiment ta’ kawza dahal Dr Azzopardi. Huwa qal li ma kien hemm ebda forma ta’ animozita’ jew ostilita’ izda procedura normali. F’mument minnhom il-Prim Imhallef staqsa lil Dr Azzopardi jekk kienx qieghed jallega li abbazi tal-mertu ta’ dik il-kawza kollega tieghu kienx gab ruhu kontra r-regoli tal-etika fil-kwistjoni ta’ liema data u kif il-mandat ta’ inibizzjoni kien gie differit.

Illi x-xhud kompla li Dr Azzopardi beda jinjora d-domanda u l-Prim Imhallef rega’ staqsa. Il-kollega qisu baxxa rasu u baqa’ jitratta u f’dan il-mument il-vucijiet gholew fis-sens li wiehed irid risposta u l-iehor beda jevadiha kompletament. Dak il-hin ma kienx hemm komunikazzjoni ta’ xejn u bilfors wiehed ried igholli l-vuci biex jasal ghall-iehor. Din l-agitazzjoni damet ftit minuti. Dr Azzopardi baqa’ ma wegibx ghad-domanda u l-punt waqaf hemm. Sar id-differiment. Xejn aktar.

Illi aktar tard f’dik il-gurnata marixxal tal-Qorti tal-Appell sejjah lix-xhud u qallu li l-Prim Imhallef riedu fis-sigrieta flimkien ma’ Dr Tonio Azzopardi. Meta mar sab lill-Prim Imhallef u lil Dr Azzopardi jitkellmu b’kalma kbira. Dehru li kienu flew il-process flimkien. Din is-sitwazzjoni sabha lesta minghajr ma dahal fin-nofs u ma jafx x’qalu bejniethom fil-bidu izda kien car li l-iskambju li kien hemm fl-awla kien sorpassat.

Illi in kontro-ezami qal li ma kienx qed jaqbel mas-suggeriment illi qabel ma beda jitkellem Dr Azzopardi l-Prim Imhallef kien diga’ beda jirrabja mieghu. Ikkonferma li d-domanda kienet dik imfissra minnu fl-affidavit. Huwa kkonferma wkoll li Dr Azzopardi baqa’ ma wegibx ghad-domanda li saritlu mill-Prim Imhallef. Illi meta muri l-verbal a fol.77 tal-process spjega li dina d-domanda tal-Prim Imhallef li ghaliha Dr Azzopardi baqa’ ma wegibx ma gietx verbalizzata dakinhar illi saret, cioe’ meta kienet qieghda tinzamm l-udjenza. Ix-xhud baqa’ fl-Awla dakinhar

sakemm il-kawza giet differita u dak li kienet qed issirlu referenza ghalih gie verbalizzat wara li l-kawza kienet giet differita u huwa sostna li meta l-kawza giet differita huwa telaq mill-awla.

Illi huwa ma jiftakarx li l-President kien qed jissikka lil Dr Azzopardi biex isemmi lil missier ix-xhud Dr Ugo Mifsud Bonnici. Malli nghata d-differiment ta' l-Appell ix-xhud hareg il-barra. B'hekk huwa lanqas biss sema' lill-President jiddettah. Huwa qal ukoll li ma hax l-impressjoni li Dr Azzopardi kien qed ibati biex jaghmel it-trattazzjoni tal-Appell. Esternament zgur li Dr Azzopardi ma kienx jidher affattikat pero' x'kien qed ihoss hu x-xhud ma jistax ighid. Huwa ma qrax ix-xhieda moghtija minn Dr Azzopardi f'dan ir-rikors kostituzzjonali.

Illi Dr Mifsud Bonnici kompla li jiftakar illi Dr Azzopardi kien qed jaghmel it-trattazzjoni, baqa' jaghmel it-trattazzjoni, l-punti li ried jitratta dwarhom semghu jitratta dwarhom u li hu baqa' ma rrispondiex ghad-domanda li ghamilli l-President. Huwa xehed li meta dahal fis-sigrieta sab lill-Prim Imhallef u lil Dr Azzopardi flimkien u ha l-impressjoni li l-kwistjoni ta' bejniethom kienet rizolta. Illi fuq domanda li l-allegazzjoni msemmija fl-affidavit tax-xhud ma tezistix fil-process qal illi huwa ra process miftuh u f'mument minnhom il-President beda jmiss il-process b'idejh u jghid lil Dr Azzopardi qed tara x'hawn u t-tnejn dehru li kienu accettaw x'kien hemm fil-process.

Illi fl-affidavit taghha **Gemma Debono** xehdet li meta ssejhet il-kawza, ghall-ewwel Dr Tonio Azzopardi ma deherx, pero' deher Dr Carmelo Mifsud Bonnici li ghamel xi sottomissjonijiet u l-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza, dahal Dr Tonio Azzopardi u l-President mill-ewwel staqsieh x'ried ifisser bih dak li kien hemm miktub. Dr Azzopardi qal lill-President li f'dik il-kawza huma spiccaw il-vittmi, fis-sens illi dakinhar ta' l-incident il-klijenta tieghu kienet prezenti fl-awla meta l-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat id-differiment, u, bla ma gew infurmati la hu u lanqas il-klijenta tieghu, id-differiment gie mibdul, u Dr Azzopardi qal li kellu kopja tieghu bid-differiment mibdul.

Illi fuq domanda tal-President, Dr Azzopardi qal li hu jassumi li d-data tad-differiment inbidlet mill-Qorti wara talba ta' l-avukat tal-parti l-ohra. Il-President staqsieh ghal min kien qed jirreferi, u  Dr Azzopardi qal li l-Avukat Dr Ugo Mifsud Bonnici. Il-President qalilha biex tnizzel dan l-incident kif iddettalha hu *"ghax din mhiex ser tieqaf hawn".* Hija qalet li l-President waqt dan l-incident kien urtat u fl-opinjoni taghha rrabjat u l-atmosfera ma kinitx wahda kalma. Hija kkonfermat kopja tal-verbal ta' dik is-seduta.

## IV. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna jirrizultaw li kienu s-segwenti : illi Lawrence Farrugia talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u r-rikors gie appuntat ghall-31 ta' Lulju 1985 u gie differit ghall-4 ta' Novembru 1985. Dakinhar intalab differiment mir-rikorrenti u d-difensur taghha u nghata differiment ghall-10 ta' Marzu. Gara li fit-2 ta' Dicembru 1985 Carmen Micallef giet notifikata bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. Minn verifiki rrizulta li fil-*prime note*, id-data tal-10 ta' Marzu 1986 kienet giet imhassra u minflokha tnizzlet data ohra 29 ta' Novembru 1985 meta r-rikors kien gie milqugh. Ma kienet saret l-ebda notifika dwar il-bidla fid-data la lil Carmen Micallef u lanqas lil Dr Azzopardi. B'hekk intavolat kawza dwar il-ksur tal-principju *audi alteram partem* u t-talba attrici giet milqugha.

Illi l-intimat appella minn tali decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 1990. Illi dan l-appell tqieghed fuq il-lista tat-12 ta' Ottubru 1992. Illi rrizulta bla ebda dubju li dakinhar tas-seduta inqala' incident bejn il-Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici u Dr Tonio Azzopardi. Dan irrizulta mid-diversi xhieda prodotti li qablu li dak li kien il-Prim Imhallef dak in-nhar beda jgholli lehnu. Illi jidher car li dan kien naxxenti mill-fatt li kien hemm nuqqas ta' ftehim bejnu u bejn Dr. Tonio Azzopardi. Illi mill-verbal jirrizulta li l-Prim' Imhallef kien qed jahseb li l-avukat ta' Lawrence Farrugia, Dr Ugo Mifsud Bonnici, kien qed jigi akkuzat b'xi nuqqas ta' etika da parti tieghu minhabba li fil-Prim'Awla kienet inbidlet id-data u Carmen Micallef u l-avukat taghha ma gewx notifikati b'tali bdil. Illi Dr Azzopardi, anki fix-xhieda tieghu, sostna li huwa ma thallix jaghmel is-

sottomissjonijiet tieghu u li l-President tal-Onorabbli Qorti tal-Appell kien ostili hafna lejh.

Illi l-istess Dr Azzopardi xehed ukoll li ftit minuti wara dan l-incident sar *break* u l-Prim Imhallef sejjahlu fis-sigrieta kif ukoll sejjah lil Dr Carmelo Mifsud Bonnici w id-difensur tal-kontro-parti. Illi huwa qal li wara diskussjoni f'atmosfera differenti, il-President kien ikkalma u l-avukat Azzopardi haseb li kien spicca kollox u hareg b'mohhu mistrieh. Illi imbaghad inghatat is-sentenza fil-5 ta' Frar 1993 fejn l-appell intlaqa'.

Illi r-rikorrenti ssostni li minn din is-sentenza kien ripetut fis-sustanza dak li kien intqal mill-Prim Imhallef waqt dan l-incident fejn intqal : "*L-avukat difensur ta' l-attrici, wara li hija u hu hargu mill-awla, jasserixxi fatti li suppost graw u ma jiddejjaq xejn jipotizza fuq il-komportament ta' avukat iehor u ta' l-Imhallef."* Illi b'hekk ir-revoka tas-sentenza dwar il-ksur tal-principju *audi alteram partem* kienet ingusta minhabba impressjoni zbaljata li kien ifforma f'mohhu is-S.T. il-Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici. Minhabba f'hekk issostni li kien hemm ksur tad-dritt sancit ta' smiegh xieraq.

Illi l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru eccepixxa illi ghandu jigi applikati l-**artikoli 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 4 (2) tal-Kap.319**. Dan *stante* li r-rikorrent m'ezawrietx ir-rimedji ordinarji. Huwa rrefera ghall-**artikolu 734 tal-Kap.12** moqri flimkien ma' l-**Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni** u **6 tal-Konvenzjoni Ewropea** dwar id-dritt ghas-smiegh xieraq jaghti d-dritt lill-parti illi jidhrilha illi gudikant illi ma jkollux l-indipendenza personali necessarja biex jippresjiedi f'kawza li ghall-inqas titlob ir-rikuza ta' dak l-Imhallef abbazi ta' possibilita' ta' nuqqas ta' smiegh xieraq. Illi r-rikuza trid titqajjem fil-bidu tas-smiegh tal-kawza u dan peress illi l-legislatur ma riedx illi parti li jkollha raguni biex titlob rikuza ta' Imhallef izzommha biex tuzaha biss jekk titlef il-kawza.

Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Bartolo vs L-Onor. Prim Ministru et"** (Q.K.

App.Nru:581/97/1 deciza fit-2 ta' Dicembru 2003) fejn il-Qorti Kostituzzjonali tenniet :-

*"Kif gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti (ara, per ezempju,* ***Edward Zahra v. Awtorita' ta' l-Ippjanar,*** *31 ta' Mejju, 1999) anke' jekk il-Prim Awla tasal ghall-konkluzzjoni li r-rikorrent kellu tali mezzi a disposizzjoni tieghu u ma uzahomx, dik il-Qorti xorta wahda tista' tiddeciedi li tinvesti l-meritu mil-lat kostituzzjonali ossia ta' drittijiet fondamentali, u dan peress li l-proviso in kwistjoni jaghmilha cara li f'tali sitwazzjoni l-Prim' Awla "…tista'…tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha…" u mhux "…ghandha…tirrifjuta…". Tali diskrezzjoni (diskrezzjoni riflessa fil-kliem "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel") ghandha s'intendi dejjem gustizzja biex minn naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u minn naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew that il-Kap.319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *(deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991), fejn intqal hekk :*

*"Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita' ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min ipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha.*

*(ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Mediterranean Film Studios Ltd v. Il-Korporazzjoni***

***ghall-Izvilupp ta' Malta et** deciza fil-31 ta' Ottubru,2003). Sakemm id-diskrezzjoni tigi ezercitata minn dik il-Qorti b'mod ragonevoli, din il-Qorti (cioe' l-Qorti Kostituzzjonali) m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa, li tkun effettivament l-ezitu ta' l-uzu 'korrett' ta' dik id-diskrezzjoni." deciza fil-31 ta' Ottubru,2003). Sakemm id-diskrezzjoni tigi ezercitata minn dik il-Qorti b'mod ragonevoli, din il-Qorti (cioe' l-Qorti Kostituzzjonali) m'ghandhiex tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa, li tkun effettivament l-ezitu ta' l-uzu 'korrett' ta' dik id-diskrezzjoni."*

Illi apparti dan kollu pero' jirrizulta li fil-kaz in kwistjoni l-punt tar-rikuza mhux daqshekk relevanti. Infatti Dr Azzopardi fl-ebda stadju ma lmenta ghax kien hemm parentela bejn il-President u l-avukat tal-kontro-parti. Illi wara l-incident li nqala' jirrizulta li d-diverbju kien gie sorvolat, almenu Dr Azzopardi xehed li kien taht dik l-impressjoni. Kwindi ma kien hemm ebda lok sabiex tintalab rikuza.

Illi fir-rigward ta' ritrattazzjoni, din il-Qorti taqbel li dan huwa rimedju straordinarju u li jista' jigi nvokat biss fil-kazijiet specifikati mil-ligi nnifisha. Illi fil-kaz in kwistjoni r-rikorrent qed tallega ksur tad-drittijiet fondamentali liema allegazzjoni tista' biss tigi nvestigata minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjoni taghha u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi r-rikorrent qed tilmenta li kellha nuqqas ta' smiegh xieraq. Hija sostniet li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell presjeduta mis-Sinjora Tieghu dak iz-zmien il-Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici meta laqghet l-appell tal-intimat illeditilha d-dritt taghha ghax fis-sustanza taghha l-istess sentenza tirreferi ghal dak l-incident li nqala' fit-12 ta' Ottubru 1992.

Illi l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jghid hekk:-

*"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta'*

*drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

Illi **l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' *"smiegh xieraq"* u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi fis-sentenza **"Domenico Savio Spiteri vs A.G. *et*"** (Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-

*"Fis-sentenza **"St.Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**:-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li :-

*"The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament *stante* li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstact the content of this requirement." **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) **Dr. Roberta Gauci LL.D)".***

Inoltre' fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' **Andrew Grotrian** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*“The most established right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of ‘fairness’ and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*“The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent.”* **(“Dombo Beheer BV vs The Netherlands”***, 27 ta’ Ottubru 1993)”.*

*“In criminal cases, this principle of equality of arms overlaps with the specific guarantees in Article 6(3) however it has a wider application than the latter since it applies to all aspects of the proceedings.”*

Illi mbaghad hemm drittijiet ohra li johorgu minn dan l-artikolu fosthom il-kuncett ta’ *“judicial process”,* id-dritt ta’ *“an oral hearing”;* kif ukoll id-dritt illi d-decizjoni tkun motivata li fis-sentenza kif jirrizulta mis-sentenza **“Francis X. Aquilina vs. L-Avukat Generali et”** (P.A. (S.K.) (RCP) – 30 ta’ Mejju 2002) li ghaliha qed issir referenza u fejn tali principji gew trattati.

Illi *invece* fir-rikors odjern l-enfasi hi fuq ir-rekwizit li jrid ikun hemm *“tribunal independenti u mparzjali mwaqqaf b’ligi”*.

Illi fil-kaz ta' **"Re:- Piersack"** intqal ukoll *"…personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary."* Il-Qorti Ewropeja kompliet:-

*"However, it is not possible to confine oneself to a purely subjective test. In this area, even appearances may be of a certain importance (see the Delcourt jdgt of 17 Jan.1970, Series A no.11,p.17, para.31). As the Belgian Court of Cassation observed in its judgment of 21 February 1979, any judge in respect of whom a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw. What is at stake is the confidence which the courts must inspire in the public in a democratic society."*

*"It is sufficient to find that the impartiality of the tribunal which had to determine the merits (in the French text : bien-fonde) of the charge was capable of appearing open to doubt."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in kwistjoni jirrizulta b'mod car li wara li nqala' l-imsemmi incident fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1992, il-Prim Imhallef u Dr Tonio Azzopardi kkjarifikaw is-sitwazzjoni. Dan xehdu Dr Azzopardi nnifsu li hareg mohhu mistrieh. Ovvjament huwa ma kellu l-ebda garanzija li dan il-kjariment seta' wassal biex l-appell jigi deciz favurih. Illi fil-fatt jinghad li ma jezisti l-ebda ness bejn dan l-incident u s-sentenza li nghatat mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell. Fl-ewwel lok jinghad li l-Qorti tal-Appell kienet presjeduta minn tlett Imhallfin u mhux biss mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef indikat u Dr Tonio Azzopardi nnifsu xehed li z-zewg Imhallfin l-ohra ma kinux involuti fl-incident. Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li s-sentenza nghatat b'mod kollegjali.

Illi fit-tieni lok jinghad li minn qari ta' l-istess sentenza johrog b'mod car li l-Onorabbi Qorti tal-Appell iddecidiet bil-mod kif iddecidiet fuq il-mertu tal-kaz quddiemha w abbazi ta' punti legali relattivi u tat sentenza ben motivata skond l-ligi li hija ghal kollox estraneja u indipendenti mill-incident vantat mir-rikorrenti fir-rikors odjern.

Illi fil-fatt jidher li dak li r-rikorrenti qed jittenta jaghmel b'din il-procedura huwa li peress li d-decizjoni inghatat kontra tieghu fuq il-mertu tal-kaz u peress li ma hemmx lok ghall-ritrattazzjoni huwa qed jipprova jaqbad ma' dak l-incident biex jattakka l-istess sentenza abbazi ta' ksur ta' drittijiet fondamentali meta certament jirrizulta mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti li huwiex il-kaz. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan fih innifsu jikkostitwixxi abbuz ta' l-istess proceduri kostituzzjonali.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mhux biss hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, izda addirittura frivola u vessatorja ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u anke' abbuz tal-proceduri gudizzjarji u kostituzzjonali.

**<u>V. KONKLUZZJONI.</u>**

1. Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' *in parte* r-risposta tal-intimati l-Onorevoli Prim'Ministru u r-Registratur tal-Qorti dwar il-mertu tar-rikors u fis-sens li l-istess rikors huwa frivolu u vessatorju, u filwaqt li tilqa' wkoll ir-risposta tal-intimat Lawrence Farrugia fil-mertu, **tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tieghu datat 25 ta' Marzu 1993** *stante* li hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq premessi b'dan li mhux biss ma hemm l-ebda ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,** izda addirittura l-ilment tar-rikorrenti huwa frivolu u vessatorju *ai termini* tal-**artikolu 46 (5) tal-Kap 1 tal-Ligijiet ta' Malta**

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------